**Suġġett tal-Kawża**

Rikors lontra d-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-UASI tat-22 ta' Frar 2006 (każ R 449/2005-1), li jirrigwarda proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Markant Handels und Service GmbH u Castellani SpA.

**Dispożittiv**

1) *Id-deċiżjoni ta' l-Ewwel Bord ta' l-Appell ta' l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) tat-22 ta' Frar 2006 (każ R 449/2005-1) hija annullata.*

2) *L-UASI huwa kkundannat ibati l-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 178, 29.7.2006.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Novembru 2007 — Investire Partecipazioni vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-418/05)** (1)

***("Rikors għal annullament — ERDF — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Att preparatorju — Inammissibbiltà")***

(2008/C 8/28)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Investire Partecipazioni SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: G.M. Roberti u A. Franchi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: L. Flynn u M. Velardo, aġenti, assistiti minn G. Faedo, avukat)

**Suġġett**

Talbiet għall-annullament tad-deċiżjonijiet li jinsabu f'zewġ ittri tad-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni "Politika Regjonali" tal-11 u tat-23 ta' Awwissu 2005, mibgħuta lir-Rappreżentanza Permanenti tar-Repubblika Taljana għall-Unjoni Ewropea u li jirrigwardaw l-ineliġibbiltà, għall-għajnuna mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, ta' miżura prevista mid-dokument ta' programmar individwali għall-perijodu bejn l-1997 u l-1999 relattiv għar-reġjun ta' Piemonte (l-Italja) taħt l-Objettiv 2.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

2) *Investire Partecipazioni SpA għandha tbati l-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 22, 28.1.2006.

---

## Digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-22 ta' Novembru 2007 — Investire Partecipazioni vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-102/06)** (1)

***(Rikors għal annullament — FEDER — Tnaqqis ta' kontribuzzjoni finanzjarja — Nuqqas ta' interess dirett — Inammissibbiltà)***

(2008/C 8/29)

*Lingwa tal-kawża: It-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Investire Partecipazioni SpA (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: G. M. Roberti u A. Franchi, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropew (rappreżentanti: M. Velardo u L. Flynn, aġenti, assistiti minn G. Faedo, avukat)

**Suġġett tal-kawża**

L-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2005) 4683, tal-25 ta' Novembru 2005, rigward tnaqqis tal-kontribuzzjoni inizjalment mogħtija mill-Fond Ewropew ta' l-Iżvilupp Reġjonali (FEDER) b'applikazzjoni tad-deċiżjoni C (97) 2199 tas-27 ta' Lulju 1997, li tapprova l-kontribuzzjoni tal-FEDER favur miżuri previsti fid-dokument waħdieni ta' programmazzjonir tal-perijodu 1997-1999 fir-reġjun tal-Piemonte (l-Italja) li jaqgħu taħt l-obbjettiv Nru 2.

**Dispożittiv**

1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inamissibbli.*

2) *Investire Partecipazioni SpA hija kkundannata tbati l-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C, 20.5.2006.